

## DEĊIŻJONI (UE) 2017/1620 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-27 ta' April 2017

**dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit ġeneralni tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015, Taqsima X — Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġeneralni tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 (¹),
  - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 (COM(2016)475 — C8-0278/2016) (²),
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Audituri dwar l-implementazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2015, flimkien mat-tweġibet tal-istituzzjonijiet (³),
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni (⁴) dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Audituri għas-sena finanzjarja 2015 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġeneralni tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (⁵), u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 99 u 164 sa 167 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Audituri Nru 7/2016: "Kif is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jimmaniġġa l-binjet tiegħu madwar id-dinja",
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarrijiet Barranin (A8-0122/2017),
1. Jagħti l-kwittanza lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarrijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għall-implementazzjoni tal-baġit tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għas-sena finanzjarja 2015;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħi fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħi biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Audituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*

Antonio TAJANI

*Is-Segretarju ġeneral*

Klaus WELLE

(¹) ĠUL 69, 13.3.2015.

(²) ĠU C 380, 14.10.2016, p. 1.

(³) ĠU C 375, 13.10.2016, p. 1.

(⁴) ĠU C 380, 14.10.2016, p. 147.

(⁵) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.